# RAPPORT AMMINISTRATTIV
## SENA TA' ĦIDMA
## 1 TA' JANNAR 2015 – 31 TA' DIĊEMBRU 2015

## *Introduzzjoni*

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu li beda nhar l-Ewwel ta' Jannar 2015 u spiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2015.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabiltajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt :

**Is-Sindku Mario Calleja**:

Finanzi, Relazzjonijiet Pubbliċi, Ordni Pubblika, Indafa Pubblika, Anzjani, Saħħa u Persuni b'diżabilità.

Proġetti kapitali u infrastruttura (assistit mill-Kunsillier Charlot Cassar u mill-Kunsillier John B. Camilleri).

Kunsill taż-Żgħażagħ iffurmat min-naħa tal-Aġenzija Żgħażagħ (assistit mill-Kunsillier Daniel Spiteri).

<u>Tim tad-Douzelage Town Twinning Organization.</u>
Sindku bħala viċi president ta' din l-organizzazzjoni, Viċi Sindku Desireè Attard ser tkun qed tikkorrispondi mas-Segretarjat tad-Douzelage u l-Kunsillier Sandro Gatt.

**Il-Viċi Sindku Desireè Attard**:

Aġġornament tas-sit elettroniku, u Facebook; Affarijiet Rurali (GAL); Proġetti Relatati mal-UE, Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Kunsillier John B. Camilleri

**Il-Kunsillier Charlot Mifsud**:

Edukazzjoni, Familja u Ħarsien tal-Annimali.
Koordinazzjoni sħiħa mal-librara biex wieħed jara x'hemm bżonn kotba fil-librerija tagħna;
Koordinazzjoni sħiħa mal-Kap tal-Iskola;
Klassijiet ta' filgħaxija biex wieħed jiġġieled l-illiteriżmu.
Lezzjonijiet tal-Malti għal dawk il-barranin interessati li jitgħallmu l-bażi tal-Malti.
Użu sewwa miċ-Ċentru tal-Edukazzjoni u Kultura.
Koordinazzjoni biex jibqgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-kompjuter.
Koordinazzjoni mal-Animal Welfare biex wieħed isolvi l-problema tal-annimali jiġġerrew barra.

**Il-Kunsillier Elizabeth Cassar** :

Kultura u Attivitajiet Soċjali
Koordinazzjoni mas-Sur Alfred Debono

**Il-Kunsillier Lawrence Ciantar** : Ambjent; Ġonna Pubbliċi u *Playing Fields;* u Analiżi tas-Sejħiet għall-Offerti, qabel u wara li jinġabru minn min jitfagħhom.

**Il-Kunsillier Daniel Spiteri** : Żgħażagħ u Sports, Faċilitajiet Sportivi flimkien ma' *Healthy Living*.

**Il-Kunsillier John B. Camilleri**: Enerġija, Wirt Storiku, Faċilitajiet Sanitarji u r-Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Viċi Sindku Desireè Attard.

**Il-Kunsillier Charlot Cassar**: Immaniġġjar tat-Traffiku, Trasport Pubbliku, Turiżmu u Affarijiet Marittimi li jinkludu wkoll attivitajiet fuq il-baħar u negozjanti żgħar.

**Il-Kunsillier Sandro Gatt** : Ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex; Tabelli u Sinjali, Għaqdiet u Kumitati mhux Governattivi, Friends of Marsaskala, Ħaddiema tal-IPSL u l-ETC, u aġġornament tal-avviżi man-*notice boards* kull ġimgħa.

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, ir-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax–il xahar, mill-ewwel tas-sena sal-aħħar tas-sena li tkun għadha kemm għaddiet.

Dawn l-aħħar tnax-il xahar tas-sena 2015 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` erbatax-il darba sabiex jiddiskuti erbatax-il aġenda differenti.

Nhar l-6 ta' Marzu 2015 saret l-aħħar laqgħa pubblika li matulha nqara r-Rapport Amministrattiv ta' bejn  Jannar u Diċembru 2014 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja | 12 | 12 | / | / | 12/12 |
| Il-Viċi Sindku Desireè Attard | 12 | 11 | / | 1 | 11/12 |
| Il-Kunsillier Charlot Mifsud | 12 | 12 | / | / | 12/12 |
| Il-Kunsillier Elizabeth Cassar | 12 | 12 | / | / | 12/12 |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | 12 | 11 | / | 1 | 11/12 |
| Il-Kunsillier  Daniel Spiteri | 12 | 11 | / | 1 | 11/12 |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | 12 | 10 | / | 2 | 10/12 |
| Il-Kunsillier Charlot Cassar | 12 | 11 | / | 1 | 11/12 |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | 12 | 11 | / | 1 | 11/12 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati ħamsa u għoxrin (25) mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill Lokali kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €714, 961.00.

# Sena ta' Ħidma: Jannar - Diċembru 2015

Segretarju Eżekuttiv, Kunsilliera sħabi u ħbieb,

L-ewwel u qabel kollox grazzi tal-attendenza tagħkom.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-CEO tal-Wasteserv li għal darb`oħra offrilna li nagħmlu użu mis-sala tal-konferenza fiċ-ċentru tal-viżitaturi

Hekk kif ghamilna s-sena l-oħra, l-andament tal-laqgħa tal-lum huwa li jinqraw l-minuti tas-sena l-oħra biex b`hekk jigu approvati minn dawk preżenti u eżatt wara jinqara r-rapport ta' ħidma tas sena 2015.

Is-sistema tas-sena l-oħra jidher li ħadmet, allura mhux ser ikollna rapport daqshekk fid-dettal u li jieħu ħafna ħin biex jinqara. Qabel il-Kunsilliera kienu jħejju rapport u jaqraw huma stess fil-preżenza tagħkom. Ħsibna biex inħejju rapport wieħed li jkopri x-xogħol kollu ta` matul s-sena li għaddiet.

Taħsbux li x-xogħol huwa wieħed faċli. Ħafna minnkom ikunu tista tgħid f'kuntatt miegħi kuljum u b`hekk jafu kemm intoppi u problemi jiżvolġu. X`hinu s-sigriet ta' dan kollu? Kalma u sinċerita`u li wieħed jisma il-karba ta' kull min jiġi fuq l-għatba tal-bini amministrattiv tagħna. L-għan huwa wieħed, dak li nagħtu l-aqwa servizz lir-residenti tagħna.

B`wiċċi minn quddiem ngħid illi naħdem kemm naħdem żgur li ma kontx nasal jekk fl-amministrazzjoni m`għandniex s-Segretarju Eżekuttiv saqajh ma' l-art is-Sur Josef Grech flimkien mal-iskravini tiegħu jagħmlu tim wieħed b'saħħtu li dejjem ħaddnu l-għaqda bejn l-amministrattiv mal-Politiku.

Nixtieq ukoll nirrangrazzja lil dawk il-maġġoranza tal-Kunsilliera tal-isforz li jagħmlu biex iwettqu r-responsabilita` tagħhom. Dan mhux dejjem ikun faċli u dan minħabba l-ġeneru tax-xogħol tagħhom. Li nista ngħid żgur huwa u dan ma ngħidux jiena, li żgur li l-Kunsill tagħna huwa wieħed attiv u jagħti servizz mill-aqwa.

Hekk kif spjegajt iżjed l'fuq issa ser nispjega ftit ix-xogħol li sar matul s-sena 2015. Wara nistgħu immorru għad diskussjoni u min jixtieq jagħmel anke xi mistoqsijiet.

1. **Il-Finanzi tal-Kunsill:** Il-finanzi tagħna qegħdin tajjeb ħafna u dan wara ħafna x-xogħol twettaq din l-aħħar sena. Iżda fuq dan ikun aħjar li tispjega l-*accountant* brava tagħna s-Sinjura Doreen Mintoff iżjed ’il quddiem. Hawn ukoll min jixtieq jagħmel xi domanda rigward il-finanzi ma jiddejjaq xejn u żgur li s-Sinjura Mintoff tkun tista tirrispondi bl-aktar mod professjonali.

2. **Infrastruttura:** Inbidlu u tranġaw metri ta’ bankini madwar ir-raħal li kienu spiċċaw jew ta’ periklu għar-residenti. Dawn swew madwar €29,066.86. Dawn il-bankini saru fi Triq in-Nadur, Triq il-Kavetti, Triq ix-Xatt, Triq il-Gemmugħa, Triq il-Vjola, Triq l-Iskal, Triq is-Salvja, Triq il-Kosbor, Pjazza Dun Tarcis Aguis, Triq iz-Zonqor, Triq id-Dahla ta San Tumas, Triq San Ġuzepp. Apparti dawn tranġaw u inbidlu rampi ta’ garaxxijiet kif ukoll xi spralli li kienu ta’ periklu kemm għas-sewwieqa u l-vetturi tagħhom kif ukoll għal xi persuni li qed jaqsmu t-toroq.

3. **Qed jinbidlu l-bankijiet ta’ fuq il-promenad**. Grazzi għar-residenti li jisseparaw l-iskart. Grazzi wkoll għall-inizjattiva min-naħa ta’ Green MT. Grazzi wkoll għall-*Foundation for Tourism Zone Development* akkwistajna mal-100 bank ġdid kif ukoll bdilna l-*bins* kollha min-naħa taż-Żonqor sa fejn il-Jerma u dan sar bis-saħħa tal-*Cleansing Department*.

4. **Tarmak:** Sfortunatament din is-sena ma tantx stajna nagħmlu manutenzjoni fuq ċertu toroq. Dan żgur ma kienx pjaċir tagħna iżda l-kuntrattur li kelna għażel li ma jkompliex jagħti servizz. Ħriġna sejħa għal offerti darbtejn u l-ebda offerent ma tefa is-sejħa, iżda dan l-aħħar qabel ma għalqet is-sena erġajna ftaħniha u offerent wieħed tefa l-offerta tiegħu. Aġġudikajna u wasalna. Fil-futur qrib ser nibdew xi xogħolijiet.

5. **Sinjali tat-traffiku u Sinjali miżbugħa mal-art:** Wieħed jaf illi l-elementi tan-natura speċjalment f’Marsaskala jgħarrqu kull biċċa għamara li jkollna. Is-Sinjali s`issa huma kollha tal-ħadid allura wara ċertu żmien iridu jinbidlu. Kulħadd jaf li dawn malajr imorru. Illum qed niffrankaw ħafna flus għax ħafna minnhom qed isiru minn nies tal-RSS stess Dawn ġew jiswew €10,786.68 għas-sena 2015.

6. **Ġonna Pubbliċi:** Saru diversi manutenzjonijiet fuq il-ġonna pubbliċi. Apparti minn hekk saru diversi spezzjonijiet fq l-apparat tal-logħob kollu u nbiddlu t-twapet fejn kien hemm bżonn biex nassiguraw livell tajjeb ta’ *safety* fil-ġonon pubbliċi tagħna. Avvanzajna ħafna biex jibda x-xogħol fuq il-bandli taż-Żonqor.

7. **Sejħiet għall-offerti:** Hawn ukoll nista` ngħid illi l-Kunsill tagħna huwa wieħed trasparenti ħafna. Jinħatar tim ta’ aġġudikazzjoni mill-membri tal-Kunsill flimkien ma’ persuna minn barra u xi ħadd tekniku jekk ikun il-każ. Dawn huma :
   KLM 2015/01 – Maintenance and construction of pavements, boundary walls and other ancillary works.
   KLM 2015/02 – Tender for collection of mixed household waste.
   KLM 2015/03 – Road maintenance and major patching works in access and access only roads.
   KLM 2015/04 – Bulky Refuse.
   KLM 2015/05 – Design and printing of council magazine.
   KLM 2015/06 – Road maintenance and major patching works in access and access only roads.
   KLM 2015/07 – Maintenance of traffic signs and road markings.
   KLM 2015/08 – Road maintenance and major patching works in access and access only roads.
   KLM 2015/09 – Parks and gardens and upkeep of soft areas in an environmentally friendly manners.

8. **Douzelage:** Is-sena li għaddiet il-laqgħa Ġenerali tad-Douzelage saret fil-villaġġ ta' Siret fir-Rumanija. Villaġġ ta' kultura mill-akbar speċjalment fejn jidħlu talenti ta żfin u mużika. Is-sena li għaddiet u dan fuq ftehim ma' Sigulda fil-Latvia, ġew mistiedna grupp ta' żeffiena biex iċċelebraw magħna jum il-komunita`. Din id-darba kien b'differenza peress li iddedikajna din is-serata għal talenti Skalin fosthom kantanti, mudelli kif ukoll sport. Bħal kull sena bqajna għaddejjien bil-proġetti. Kellna grupp ta` Pollakki li ġew Marsaskala għal xahar sħiħ fejn ħadmu fi stabbilimenti tal-ikel u dan mingħajr ħlas. Dan huwa proġett ta Leonardi D`Avinci. Hdimna wkoll u dan permezz tal-korrispondenza eletronika biex b`hekk wara li akkwistajna fondi min-naħa ta` Siret ir-Rumanija biex isiru `work shops` f`Marsaskala. Ħdimna u preparajna għal laqgħa Ġenerali li saret fir-Rumanija. Is-suġġett diskuss f'April 2015kien pjuttost kontinwita` ta' dak li ġie diskuss f'pajjiżna bit-titlu s-sostenibbilita` fil-lokalitajiet membri fl-Unjoni Ewropeja.

Din is-sena l-laqgħa ġenerali ser issir ġewwa Tryavna l-Bulgarija. Din id-darba ser ukoll issir l-elezzjoni tal-Presidenza u Marsaskala għandha l-interess li titfa n-nomina.

Grazzi għas-Sur Ryan Portelli l-persuna uffiċjalment mill-Kunsill biex jieħu ħsieb japplika għal proġetti tal-Ewropa, irnexxielna inġibu proġett fejn ser jipparteċipaw 5 pajjiżi inkluż Malta, Ingilterra, Polonja, Latvija u Ungerija.

9. **Proġetti Kapitali:** Il-proġett tal-Leisure Park fi Ġnien San Tumas finalment tlesta sa l-aħħar tas-sena u mill-ewwel beda jitgawda mill-pubbliku. Hawnhekk wieħed isib *outdoor gym*, faċilitajiet għal *picnics* u rilassament fil-ġonna, kif ukoll apparat tal-logħob għat-tfal. Apparti minn hekk dan il-ġnien huwa aċċessibli għal siġġu bir-roti.

Fi kliem ieħor dan il-ġnien joffri xi ħaġa għal kulħadd. Dan kien proġett li sar kompletament bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja u l-proġett kien jismu Measure 313 – Leisure Park in Rural San Tumas. Tlesta ukoll proġett ieħor bil-fondi għall-iżvilupp Rurali tal-Unjoni Ewropeja fejn saret parti minn triq fil-limiti tal-Mozz liema triq ġiet tiswa €35000 fejn it-total ta' €23000 kien kopert bil-fondi tal-EU. B'hekk il-bdiewa setgħu igawdu aċċessibilta` aħjar.

Naħseb kulħadd jaf il-kontroversja li nħolqot fuq il-proġett kbir li ġej in-naħa taż-Żonqor. Qed nirreferi għall-Universita` Amerikana f'Malta. Proġett illi ser iħalli introjtu finanzjarju ta' madwar 100 miljun euro. Proġett illi ser iħaddem in-nies u ser jgħolli l-livel tal-għixien fil-lokalita` tagħna. Il-Kunsill qabel fil-maġġoranza ta' 5 voti favur u 4 voti kontra biex dan il-proġett isir.

Pjuttost f'dan il-post fejn qedgħin illum saret laqgħa bejn il-Kunsilliera u s-CEO ta' Sadeen Group. Din il-laqgħa intalbet mill-iżviluppaturi stess fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-OPM.

Kien hawn illi jien flimkien mas-Segretarju eżekuttiv u xi Kunsilliera preżenti ħadt l-okkażjoni biex nipprova permezz ta' planning gain inġib l-binja l-ġdida tal-Kunsill permezz ta' dan il-proġett. Dan dejjem jekk il-MEPA toħroġ il-permessi relattivi.

10. **Wirt Storiku:** Din is-sena nistgħu ngħidu li ma kelniex restawr ta' xi wirt storiku iżda nafu illi l-Fondazzjoni Wirt Artna issa applikat biex jibda jiġi restawrat it-Torri San Tumas. Dan it-torri l-iskop tiegħu huwa biex jitrasforma ruħu f'mużew tal-piraterija li kienet teżisti fil-Mediterran. Ma ninsewx li qed nistennew ukoll minn ħin għal ħin il-bidu tax-xogħol fuq l-lukanda eks Jerma.

11. **GAL Xlokk:** Ħajr lil Gal Xlokk tal-assistenza kollha li ngħatat lill-Kunsill biex jiksbu tant fondi tal-Unjoni Ewropeja.

12. **Attivitajiet Soċjali:** Matul is-sena 2015 saru diversi attivitajiet. Matul ix-xahar ta' Jannar organizzajna coffee morning għal anzjani. F'Marzu ħejjejna attivita` fil-Ġimgħa l-Kbira. F'Ġunju saret Arti fil-Beraħ. Fix-xahar ta' Lulju saret l-attivita mill-Puluzija kif ukoll kunċert vokali u nstrumentali mill-Banda Sant'Anna. F'Settembru saret l-attivita` ta' Jum il-Lokalita`. F'Ottubru ittelgħet ix-xow tal-fniek. Fl-aħħar tas-sena għalaqna l-attivitajiet b'kunċert tal-Milied.

13. **Pulizija:** Nistgħu ngħidu li minkejja l-polemiċi kollha li kelna din is-sena, xorta waħda konna f`kuntatti kontinwi mal-Kummissarji tal-Pulizija biex f`Marsaskala jkollna l-aqwa servizz. Għad hemm polemika fuq l-għassa iżda din biċċa xogħol tal-Ministru tal-Intern. Jien għaddejt xi kuntatti biex jinxtara xi post iżda s'issa ma waslux. Min-naħa l-oħra naħseb kemm huwa sewwa li nagħtu s-sehem tagħna milli sempliċiment noqgħodu spettaturi u ma nagħmlu xejn. Iva jiena persuna li nieħu deċiżjoni u żgur li ma nħalli lill ħadd ifixkel lili personali jew x-xogħol tal-Kunsill. Illum u dan dejjem temporanju l-għassa qegħda f`post tajjeb u fiċ-ċentru iżda xorta fil-futur qrib trid titneħħa.

14. **Rigward l-indafa fit-toroq:** Nista' nassigurakom li kuntent ħafna. Ta' kuljum nikkumbattu ma' ftit nies irresponsabbli li akkost ta' kollox ma jagħtux kas u jħammġu madwarhom. Għandna servizz impekkabbli. Rigward skart goff kważi jinġabar trakk kuljum. U s-servizz jingħata b'xejn mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Għandna wkoll servizz ta' kenniesa li jduru mar-raħal kuljum. Kontenituri ta' skart separat nistgħu ngħidu li għandna ammont tajjeb u jintużaw ħafna. Qed nistennew li jinbiddlu l-bins fix-xatt iżda dawn mhux għal skart organiku. Nifhmu li jkolna influss ta' nies u b`hekk dawn jintużaw biss għat-`*take aways*`. Hekk nkunu qed nżommu iżjed kontroll tal-indafa.

15. **Enerġija:** Tajjeb ngħaddi biex insemmi wkoll ix-xogħol utli li jsir fejn tidħol l-enerġija. Hawnhekk il-Kunsill kien ukoll ta' servizz enormi liċ-ċittadin Skalin. Kien hemm diversi talbiet għall-bdil ta' bozoz maqtugħa, arbli u servizzi ġodda. Dawn saru kollha mingħajr dewmien. Dan dejjem bl-għajnuna taċ-ċittadin li jirraporta ħsarat mill-ewwel, il-*customer care* li jieħdu ħsieb jinfurmaw 'il-kunsillier responsabbli u l-kuntrattur tagħna li bla dewmien jirranġa l-ħsarat.

16. **Latrini Pubbliċi**: Il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex iżommm il-latrini pubbliċi fi stat tajjeb. Saret manutenzjoni intensiva fil-latrina ta' taħt il-Knisja fejn inbidlu l-viti kollha, flashings eċċ. Saret manutenzjoni intensiva wkoll fil-latrina ta' San Tumas fejn inbidel l-membraine ta' fuq il-bejt u nbidlu l-flashings u l-viti fejn kien meħtieġ. Sar tindif intensiv fil-fossa ta' San Tumas u inbidlet il-pompa u saret waħda iktar adekwata.

17. **Negozji:** Meta wieħed jirreferi għas-*self employed* fil-lokal tagħna jkun biss qed jolqot il-ħwienet tagħna. Aħna dejjem fhimna lin-negozjanti, iżda sfortunatament kultant, minoranza minnhom ma tantx jikkoperaw. Inkunu pressati minn ilmenti fuq ċertu abbużi ta' mwejjed u siġġijiet żejda biex b`hekk jittieħdu spazji u passaġġi żejda tal-pubbliku. Aħna qegħdin hemm dejjem biex ngħinu n-negozji tagħna. Ħasra li darba kienet teżisti assoċjazzjoni u spiċċat. Jiddispjaċini ħafna meta nisma li ma hemmx koperazzjoni.

18. **Rivista tal-Kunsill:** Ir-rivista tal-Kunsill b'deċiżjoni tal-Kunsill issa se tibda tkun ippublikata wkoll fuq il-websajt tal-Kunsill u din toħroġ darbtejn jew tlett darbiet fis-sena.

19. ***Live Streaming*:** Il-Kunsill tagħna huwa wieħed minn tal-ewwel li daħħal is-sistema tal-*live streaming* tas-seduta tal-Kunsill. Dan għamlu għal aktar trasparenza waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Ċert li din is-sistema hija waħda pożittiva.

20. **<u>Ambaxxatur taż-Żgħażagħ:</u>** Konna ħadna ħafna gost bil-ħatra tal-Ambaxxatur taż-żgħażagħ. Ilqajna fostna liż-żgħażugħa s-Sinjorina Nicole Busuttil. Hija tagħmel minn kollox u sforzi kbar biex tattendi għal-laqgħat tal-Kunsill. Din is-sena kelna wkoll il-Kunsill taż-żgħażagħ li rnexxielu jerbaħ proġett tal-Ewropa bl-isem "Niftħu bieb ieħor". Nista ngħid li wieħed seta jara entużjażmu u dan il-proġett kien wieħed ta' suċċess. Infetaħ u ingħalaq bl-aktar mod għaqli. Il-finanzi tqassmu tajjeb ħafna u kulħadd kien sodisfatt bir-riżultat tal-proġett.

21. ***<u>Stray Cats:</u>*** Din l-inizjattiva li jissewwew il-qtates kompliet matul is-sena 2015 fejn issewwew numru konsiderevoli ta' qtates. Nappellaw lill-pubbliku in ġenerali sabiex jikkopera u ma jitmax il-qtates meta jitwaħħlu t-tabelli u dan sabiex jiffaċilita t-taqbid tal-qtates. Din kienet inizjattiva li ġiet introdotta mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala.

22. **<u>Tilqima tal-influwenza:</u>** Għal darb' oħra kellna t-tilqima tal-influwenza għall-madwar 479 anzjan. Grazzi tmur għall-infermiera Skalin li ħadu l-inkarigu li jiġu l-Kunsill bla ħlas u jagħtu din it-tilqima.

23. **<u>Korsijiet :</u>** Għal darb' oħra kellna korsijiet tal-kompjuter, korsijiet tal-krafts u tpinġija għat-tfal, lifelong learning u first aid course. Għal darb' oħra reġgħu saru sessjonijiet ta' *story telling* waqt Skola Sajf.

24. ***<u>Training Centre:</u>*** Il-Kunsill finalment sab ċentru ġdid li qed iservi bħala post fejn qed jingħataw bosta servizzi fosthom ta' taħriġ u tagħlim kif ukoll ta' *counselling*.

25. L-anzjani tagħna nżommuhom kemm jista` jkun infurmati bl-attivitajiet li jkunu għaddejjin.

26. Konna spalla ma' spalla mas-Surmast tal-iskola kif ukoll mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Tumas More. Involvejna ruħna magħhom fi proġetti ta' ġemellaġġi ma' pajjiżi barranin. Nista` ngħid li mal-kap tal-iskola, u mal-għalliema għandna rapport tajjeb ħafna. Din is-sena wkoll spiċċa s-Surmast Wilfred Cassar u minfloku ġie s-Sur Ethelbert Fenech. Iltqajna miegħu u diġa bdejna naħdmu għal ġid tal-istudenti tagħna. Fuq nota differenti iżda din id-darba fil-kleru, din is-sena wkoll tlifna l-Kappillan Rev Walter Cauchi u l-Viċi tiegħu Fr. Stephen. Sellimnilhom u qed nistennew issa biex nilqgħu fosta l-Kappillan il-ġdid Rev Roderick Camilleri u l-Viċi Kappillan Fr. Luke Cutajar.

27. Librerija nistgħu ngħidu qed tespandi kuljum. Hemm il-ħsieb li jkollna anke xi kotba fil-post kulturali ġdid. Dwar dan għad irridu niddiskutu. Żdiedu saħansitra l-jiem tal-ftuħ fejn issa qed tinfetaħ kull nhar ta' Erbgħa ukoll.

28. Saret ħidma intensiva fuq ir-railing kollu tal-promenade fejn il-Kunsill ipprovda l-materjal kollu. Tranġa wkoll taraġ u ħajt li kien viċin li jiġġarraf fejn il-pitch tal-waterpolo. Grazzi għal ħaddiema tad-Diviżjoni tax-xogħolijiet il-ħadid tal-promenade ingħata manutenzjoni xierqa u nżebaħ ukoll is-sottobank.

## *<u>KONKLUŻJONI</u>*

Mhux faċli li wieħed isemmi kollox f`tant ħin qasir. Li nista` ngħid huwa illi li ma kienx għal maġġoranza tal-Kunsilliera dan ma sarx. Għal darb'oħra nerġa nsemmi lis-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani kollha ta' miegħu, il-ħaddiema tal-RSS u dawk tal-iskema tal-ETC.

Għamilna biżżejjed? Dażgur li le. Għad hemm ħafna xi jsir u nemmen li l-2016 ser tkun sena mimlija xogħol u suċċessi għal dan il-Kunsill. Ngħid x`ikun sar fil-laqgħa li jmiss.

Nixtieq bla tlaqliq nirringrazzja lit-tim kollu tal-Kultura u hawn ma nistax ninsa lil ħabib tagħna s-Sur Alfred Debono li minkejja l-fatt li ma tantx kien jiflaħ, din l-aħħar sena xorta baqa b'kuntatt magħna.

Kien hemm żmien li kien jiltaqa mas-Sur Joe Magri u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ġewwa r-residenza tiegħu. Persuna ta' kuraġġ kbir. Xogħol li jsir minn wara l-kwinti u li ma jidhirx. Laqgħat fuq laqgħat biex il-prodott joħroġ kif suppost.

Fil-laqgħa pubblika li għaddiet issemmew żewġ proġetti kbar. Il-ġnien ta' San Tumas tlesta u issa fadal il-bini tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jistenna biex jirċievi risposta għall-applikazzjoni li kien issottemetta min-naħa tal-gvern Ċentrali u nittamaw li jkollna risposta pożittiva.

Għeżież Skalini, minkejja l-fatt li mhux dejjem faċli, inħoss li din l-aħħar sena ta' tmexxija min-naħa tiegħi kienet waħda serja u onesta dan minkejja li kien hemm anke attentati minn xi ħadd b'aġenda moħbija biex iħammiġni. Nassigurakom li ħriġt aktar b'saħti u ser inkompli bil-ħidma tiegħi u b'determinazzjoni kbira. It-tmexxija kemm dik politika kif ukoll dik amministrattiva ħalliet il-frott. Dan ma ngħidux jiena iżda r-residenti tagħna. M`għandniex xi ngħidu li xi kultant nsibu individwi li ma jkunu kuntenti b`xejn. Ċert li din is-sena kurrenti ser tkun waħda impenjattiva wkoll. Ħbieb tiegħi bil-ħniena t'Alla nibqgħu għaddejjin.